MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 316/2010

Kawza fil-lista: 52

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta li l-partijiet izzewgu fis-7 ta’ Settembru 2008 ; illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat ai sensi tal-ligi u dan in vista tac-cirkostanzi li kienu jipprevalu qabel ma gie celebrat iz-zwieg ; illi l-kunsens vizjat b’difett serju ta’ diskressjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghall-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet

essenzjali taz-zwieg ; illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essezjali tal-hajja mizzewga ; illi r-ragunijiet ghal tali nullita' huma attribwibbli lill-konvenuta ; illli l-partijiet gew awtorizzati sabiex jisseparaw u fil-fatt illum huma separati minn xulxin ; illi sa fejn jaf hu, ma hemm l-ebda kawza pendenti fuq l-istess mertu quddiem xi Tribunal Ekklazjastiku ; u ghalhekk jitlob li dan iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huma null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u tordna u dan a tenur tal-artikolu 19 (1) (d) u/jew 19 (1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta u b'mod partikolari a tenur tal-provedimenti tal-paragrafi (c), (d) u/jew (f) tal-istess artikolu 19 (1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta u li ssir l-opportuna annotazzjoni fl-Att taz-zwieg tal-partijiet ; bl-ispejjes.

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimata fejn eccepiet li hi taqbel li dan iz-zwieg jigi ddikjarat null minhabba l-agir tal-attur kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg peress li l-kunsens tal-attur kien vizzjat b'difett serju ta'diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u li l-kunsens inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-element tal-hajja mizzewga.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fi 7 ta' Settembru, 2008 fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Il-konvenuta ma topponix, u tghid li l-kunsens tal-attur kien vizzjat

**Il-Fatti**

Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu ilhom sentejn johorgu flimkien qabel ma izzewgu; it-tnejn kellhom 32

sena ; il-konvenuta ma kellhiex familja u ghexet ghal hafna snin go Istitut ; il-familjari ta' l-attur, minn qabel iz-zwieg, tawha sens ta' familja li hi dejjem xtaqet billi laqghawha f'darhom u ttratawha hafna tajjeb. Wara z-zwieg pero' il-folja nbiddlet u l-hajja konjugali damet biss sena u tlett xhur ghax il-konvenuta telqet mid-dar.

Dahlet il-bruda, u kienu riluttanti fl-att taz-zwieg.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Jirrizulta pacifiku li l-konvenuta *« minhabba dak kollu li kont ghaddejt minnu jien…….. kont dejjem imdejqa ghand ommi u ghalhekk xtaqt nitlaq u nizzewweg u nsib il-familja maghquda li qatt ma kelli. »* [1] u l-attur hass li *« kien hemm bzonn li din issib kenn »* u hu *« dejjem urejtha kif kienet il-lifestyle tieghi »*. U ghalhekk marret tghix ma' omm l-attur qabel ma izzewgu. Wara z-zwieg jikkumenta li *« aktar kienet kuntenta bil-genituri tieghi milli bija. L-atmosfera ta' familja li pprovdejtilha jiena nahseb kienet raguni ewlenija biex zzewgitni »* ; jammetti fix-xhieda tieghu li hu kien izzewweg unikament ghax ried it-tfal.[2]

Kien hemm theddid minn naha ta' missier il-konvenuta ghax fil-bidu tan-namur kellha titlaq mix-xoghol ghax kellha xi tghid ma' l-imghallem u missierha kien allega li l-inkwiet kien minhabba l-attur ghax l-intimata kienet tnaqqas mix-xoghol u kien heddidha : li *«jekk mhux se ssib xoghol fil-vicin u tevita li tiltaqa' ma' A inti se jkollok taqbad u titlaq mid-dar »*[3].

Sabu u krew post bhala dar matrimonjali u zzewgu.

Illi l-partijiet mill-bidu nett taz-zwieg irriskontraw problemi fil-hajja matrimonjali li kienet karatterizzata b'argumenti minhabba l-problemi li tfaccaw.

---

[1] Folio 35 / 36
[2] Folio 29
[3] Folio 16

Kien hemm ukoll il-problema ta' komunikazzjoni, u l-attur jiddeskrivi il-konvenuta bhala *'persuna maqtugha ghaliha nnifisha. Kull meta nohorgu b'ghan ta' divertiment dejjem kienet tinqata ghaliha u ma tkomplix man-nies……u dejjem kienet tidher disinteressata f'dak li kien qed jigri.'* [4]

F'dawn ic-cirkostanzi, b'nuqqas ta' komunikazzjoni u s-sensittivita lejn xulxin fil-bzonnijiet taghhom : l-attur bil-mewt ta' missieru u l-konvenuta bil-problemi li giebet maghha l-operazzjoni li kellha taghmel [5] kienu riluttanti fl-att taz-zwieg; marru counselling izda s-sitwazzjoni ma ittrangatx

Rizultat ta' dan il-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali.

Il-Qorti hija tal-fehema li f'dan il-kaz jezisti l-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu (d) ta' l-artikolu precitat, fil-konfront taz-zewg partijiet, stante li huma dahhlu f'dan iz-zwieg minghajr ma kienu jhobbu u jafu lill xulxin, bir-rizultat li mill-bidu tal-konvivenza dawn skoprew li huma nkapaci li jassumu l-obbligu tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproka, u ma setghux jghixu taht saqaf wiehed wahedhom – u dan mill-bidu nett taz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li l-talba ta' l-attur hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timerita li tigi milqgha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' l-talbiet u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-7 ta' Settembru 2008.

Spejjes bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

[4] Folio 45

[5] folio 25 / 28

---------------------------------TMIEM---------------------------------